IL-KUMMISSJONI EWROPEA

Brussel 14.6.2010
KUMM(2010)307 finali

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani

RAPPORT MILL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL U L-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Jannar 2005 dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani

1. DAĦLA

L-għan ewlieni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani[1] huwa li jistabbilixxi qafas komuni u standards tal-kwalità tal-istatistika għall-produzzjoni sistematika tal-istatistiki tal-Unjoni Ewropea fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.

L-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 jgħid li l-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament sat-28 ta' Frar 2010. B'mod partikolari, ir-rapport għandu:

(1) jirreġistra l-kwalità tal-istatistika prodotta;

(2) jistma l-benefiċċji mogħtija lill-Komunità, lill-Istati Membri u lill-fornituri u utenti ta' informazzjoni statistika tal-istatistika prodotta fir-rigward tal-ispejjeż;

(3) jidentifika oqsma għal titjib u emendi potenzjali kkunsidrati meħtieġa fid-dawl tar-riżultati miksuba;

(4) jirrevedi l-funzjonament tal-Kumitat tal-Bilanċ ta' Pagamenti u jirrakkomanda jekk il-kamp ta' applikazzjoni tal-miżuri implimentattivi għandux jiġi definit mill-ġdid.

Dan ir-rapport jeżamina l-iktar aspetti importanti tal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 mill-Istati Membri u l-miżuri meħuda mill-Kummissjoni biex tiżgura l-kwalità għolja tal-istatistika Ewropea fir-rigward tal-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u investiment dirett barrani.

2. MIŻURI IMPLIMENTATTIVI

Sa mill-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005, ġew adottati dawn ir-regolamenti implimentattivi li ġejjin:

(1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 601/2006 tat-18 ta' April 2006 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill rigward il-format u l-proċedura għat-trażmissjoni tad-dejta[2];

---

[1] ĠU L 35, 8.2.2005, pġ. 23.
[2] ĠU L 106, 19.4.2006, pġ. 7.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 602/2006 tat-18 ta' April 2006 li jadatta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill permezz tal-aġġornar tar-rekwiżiti tad-dejta[3];

(3) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1055/2008 tas-27 ta' Ottubru 2008 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, fir-rigward ta' kriterji tal-kwalità u rappurtar tal-kwalità għall-istatistiċi ta' bilanċ tal-pagamenti[4];

(4) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2009 tal-5 ta' Awwissu 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 184/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istatistika tal-Komunità fuq il-bilanċ ta' pagamenti, kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani, fir-rigward tal-aġġornament tar-rekwiżiti ta' dejta[5].

3. IS-SETTIJIET TA' DEJTA EWLENIN IKKONĊERNATI

L-istatistiki fuq il-bilanċ ta' pagamenti jipprovdu informazzjoni komprensiva dwar it-tranżazzjonijiet bejn l-ekonomija dikjaranti u l-bqija tad-dinja. Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jikkonċerna l-ġbir ta' dawn l-erba' settijiet ta' dejta li ġejjin:

- Stimi bikrija tal-Bilanċ ta' Pagamenti ta' Kull Tliet Xhur (indikaturi tal-ewro);
- Il-Bilanċ ta' Pagamenti ta' Kull Tliet Xhur;
- Il-Kummerċ Internazzjonali f'Servizzi Annwali;
- L-Investimenti Diretti Barranin Annwali.

B'mod partikolari, għal kull wieħed minn dawn is-settijiet tad-dejta, id-dejta tingħabar mill-Eurostat mill-Istati Membri u tintuża għall-produzzjoni ta' aggregati tal-UE li jiġu ppubblikati flimkien mad-dejta tal-Istati Membri individwali fuq id-dejtabejż onlajn tal-Eurostat[6].

B'mod ġenerali, l-ewwel stima tal-aggregati ewlenin ta' kull tliet xhur (il-bilanċ tal-kont kurrenti u l-bilanċ tal-kont tas-servizzi) tkun disponibbli 10 ġimgħat mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza. It-tieni stima tinħareġ 15-il ġimgħa mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, u tinkludi sett usa' ta' partiti tal-bilanċ ta' pagamenti u l-analiżi ġeografika li tikkonsisti fl-imsieħba ekonomiċi ewlenin, b'mod partikolari l-iktar ekonomiji żviluppati u emerġenti importanti.

Fuq bażi annwali, l-istatistika dwar il-kummerċ internazzjonali f'servizzi u l-investiment dirett barrani tiġi ppubblikata iktar fid-dettall. Id-dejta annwali dwar il-kummerċ

---

3 ĠU <pt>. B'mod partikolari, ir-Regolament (KE) Nru 602/2006 huwa mmirat lejn l-aġġornament tar-rekwiżiti tad-dejta u l-aġġustar mill-ġdid tal-livell tal-analiżi, inklużi xi analiżi ġeografika, sabiex titjieb il-kwalità tal-istatistiki fuq il-bilanċ ta' pagamenti;.

4 ĠU L 283, 28.10.2008, pġ. 3.

5 ĠU L 204, 6.8.2009, pġ. 3. Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 707/2009 huwa mmirat lejn l-aġġornar tar-rekwiżiti tad-dejta għall-bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur u l-indikaturi tal-ewro, bl-aġġornar tal-analiżi ġeografika fid-dawl tas-sitwazzjoni ġeopolitika ġdida u l-introduzzjoni tal-analiżi skont l-attività skont il-klassifikazzjoni l-ġdida tal-attivitajiet ekonomiċi (NACE rev.2).

6 Dejtabejż tal-Eurostat, disponibbli minn: http://epp.eurostat.ec.europa.eu/portal/page/portal/statistics/search_database (18.3.2010).

internazzjonali f'servizzi tinqasam skont lista komprensiva ta' tipi ta' servizzi u 42 ekonomija. Id-dejta tiġi trażmessa mill-Istati Membri disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza u tiġi ppubblikata madwar xahrejn wara. L-istatistika annwali dwar l-investiment dirett barrani tinkludi dejta dwar il-flussi u l-istokks, skont it-tip tal-istrument, il-pajjiż imsieħeb u l-attività ekonomika. Id-dejta tiġi pprovduta mill-Istati Membri disa' xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza u tiġi ppubblikata madwar tliet xhur wara.

4. KWALITÀ TAL-ISTATISTIKA PRODOTTA

Skont l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 184/2005, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni b'rapport dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa. Barra dan, skont l-Artikolu 4(3), il-kwalità tad-dejta trażmessa lill-Eurostat għandha tiġi stmata fuq il-bażi tar-rapporti ta' kwalità, bl-għajnuna tal-Kumitat dwar il-Bilanċ ta' Pagamenti (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ il-Kumitat BoP).

L-analiżi li ġejja tirreferi għar-riżultati tal-aħħar rapporti ta' kwalità disponibbli dwar id-dejta mogħtija mill-Istati Membri fl-2008. Għalhekk, l-iktar żviluppi riċenti, inkluż it-titjib fil-kwalità rreġistratminn diversi Stati Membri fl-2009, mhumiex koperti f'din l-analiżi.

4.1. Prontezza

Il-kriterju tal-prontezza jirreferi għall-konformità mal-iskadenzi għat-trażmissjoni tad-dejta.

L-iskadenzi huma stipulati fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 184/2005 u speċifikati iktar fil-Ktejjeb tal-Bilanċ ta' Pagamenti[7], li huwa d-dokument ta' referenza għad-dettalji tekniċi tat-trażmissjoni tad-dejta.

It-Tabella 1 fiha l-analiżi[8] tal-prontezza tal-istatistiki dwar il-bilanċ ta' pagamenti. Din turi li fil-biċċa l-kbira l-Istati Membri jirnexxielhom jilħqu l-iskadenzi għas-settijiet kollha tad-dejta, bi ftit ħafna eċċezzjonijiet jinġabru fiż-żewġ dominji tal-investiment dirett barrani.

4.2. Kopertura tad-dejta trażmessa lill-Eurostat

Il-kriterju tal-kopertura tad-dejta jirreferi għad-disponibilità tad-dejta mitluba mir-Regolament (KE) Nru 184/2005 skont il-perjodi ta' referenza u analizzata skont l-erja ġeografika, il-partita u l-attività. Dan jitkejjel bħala s-sehem tal-għadd ta' valuri pprovduti b'relazzjoni għall-għadd totali ta' valuri mitluba.

---

7 Ktejjeb tal-Bilanċ ta' Pagamenti. http://circa.europa.eu/Public/irc/dsis/bop/library?l=/sdds_bop_metadata/vademecum_2008pdf/_EN_1.1_&a=d (18.3.2010).

8 Il-prontezza hija evalwata bħala 'tajjeb' jekk id-dejta dejjem intbagħtet sal-iskadenza jew qabel, 'aċċettabbli' jekk id-dewmien, bħala medja, ma qabiżx il-ħamest ijiem, u 'ħażin' fil-każi l-oħra.

Tabella 1: Prontezza tat-trażmissjoni tad-dejta

	Indikaturi tal-ewro	Bilanċ ta' Pagamenti ta' Kull Tliet Xhur	Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi	Investiment Dirett Barrani — Flussi	Investiment Dirett Barrani — Stokks
Skadenza:	***perjodu ta' referenza + xahrejn***	***perjodu ta' referenza + 3 xhur***	***perjodu ta' referenza + 9 xhur***	***perjodu ta' referenza + 9 (jew 21) xhur***[9]	***perjodu ta' referenza +9 (jew 21) xhur***
Awstrija	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Belġju	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	**ħażin**
Bulgarija	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	good
Ċipru	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	**ħażin**
Repubblika Ċeka	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Danimarka	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Estonja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Finlandja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Franza	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Ġermanja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Greċja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Ungerija	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Irlanda	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Italja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Latvja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Litwanja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Lussemburgu	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Malta	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Olanda	tajjeb	tajjeb	*Aċċettabbli*	tajjeb	tajjeb
Polonja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Portugall	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Rumanija	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	**ħażin**	**ħażin**
Slovakkja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Slovenja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Spanja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Svezja	tajjeb	tajjeb	Tajjeb	tajjeb	tajjeb
Renju Unit	*aċċettabbli*	tajjeb	Tajjeb	**ħażin**	**ħażin**

[9] Għall-FDI (kemm il-flussi kif ukoll l-istokks), hemm żewġ talbiet għad-dejta separati, bi skadenzi differenti: waħda bi skadenza ta' 9 xhur mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza, u l-oħra bi skadenza ta' 21 xahar mit-tmiem tal-perjodu ta' referenza.

Tabella 2: Kopertura

	Indikaturi tal-Euro	Bilanċ ta' Pagamenti ta' Kull Tliet Xhur	Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi	Investiment Dirett Barrani — Flussi	Investiment Dirett Barrani — Stokks
Awstrija	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Belġju	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	*inkompleta*
Bulgarija	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Ċipru	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Repubblika	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Danimarka	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Estonja	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Finlandja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Franza	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Ġermanja	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	*inkompleta*
Greċja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Ungerija	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Irlanda	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Italja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Latvja	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Litwanja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Lussemburgu	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Malta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Olanda	kompleta	kompleta	*inkompleta*	*inkompleta*	*inkompleta*
Polonja	kompleta	kompleta	kompleta	*inkompleta*	*inkompleta*
Portugall	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Rumanija	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Slovakkja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Slovenja	kompleta	kompleta	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Spanja	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta	kompleta
Svezja	*inkompleta*	*inkompleta*	*inkompleta*	kompleta	kompleta
Renju Unit	kompleta	*inkompleta*	*inkompleta*	kompleta	*inkompleta*

It-talbiet għad-dejta użati fil-kalkolu ta' dan l-indikatur huma speċifikati fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 184/2005. It-Tabella 2 hija sommarju[10] ta' dan l-indikatur għal kull Stat Membru u skont is-sett tad-dejta.

[10] Il-kopertura hija kkunsidrata 'kompleta' jekk ġew ipprovduti iktar minn 98% tal-valuri mitluba, 'inkompleta' jekk it-talba ġiet sodisfatta parzjalment u ġew ipprovduti inqas minn 98% tal-valuri mitluba, u 'nieqsa' jekk ma kienx hemm tweġiba għat-talba.

L-Istati Membri kollha kkonformaw mat-talbiet, għall-inqas parzjalment, u l-ebda settijiet tad-dejta ma huma nieqsa. Il-biċċa l-kbira tal-Istati Membri ppreżentaw erba' settijiet tad-dejta kompleti, jew tlieta minn erbgħa. Kienu biss tliet Stati Membri (l-Olanda, ir-Renju Unit u l-Isvezja) li ppreżentaw il-biċċa l-kbira tas-settijiet tad-dejta inkompleti.

L-iktar talba diffiċli tirrigwarda l-kummerċ internazzjonali fis-servizzi, u kienu biss sittax-il Stat Membru li kkonformaw bis-sħiħ.

4.3. Korrettezza metodoloġika

Il-kriterju relatat mal-korrettezza metodoloġika jirreferi għall-konformità mal-istandards, il-linji gwida u l-prassi tajba aċċettati internazzjonalment.

L-Istati Membri kollha huma ġeneralment konformi mal-istandards internazzjonali kif stabbiliti fil-: Manwal tal-Bilanċ ta' Pagamenti, il-5 edizzjoni (BPM5), ippubblikat mill-Fond Monetarju Internazzjonali (FMI); id-Definizzjoni tal-Punt ta' Riferiment għal Investiment Dirett Barrani, it-3 edizzjoni (BD3), ippubblikata mill-Organizzazzjoni għall-Kooperazzjoni u l-Iżvilupp Ekonomiku (OECD); u l-Manwal dwar l-Istatistika fuq il-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi, ippubblikat b'mod konġunt min-Nazzjonijiet Uniti (NU), il-Kummissjoni Ewropea, l-FMI, l-OECD, il-Konferenza tan-NU dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp (UNCTAD) u l-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO). Id-devjazzjonijiet minn din il-metodoloġija jiġu mmonitorjati regolarment permezz tar-Rapporti ta' Kull Tliet Xhur. Dawn id-diverġenżi jiġu diskussi fil-Kumitat tal-BoP u l-Grupp ta' Ħidma tal-Bilanċ ta' Pagamenti, bl-għan li titrawwem l-armonizzazzjoni.

L-istandards internazzjonali ġew riveduti riċentament. Is-6 edizzjoni tal-Manwal tal-Bilanċ ta' Pagamenti (BPM6) ħarġet f'Novembru 2008, ir-4 edizzjoni tad-Definizzjoni tal-Punt ta' Riferenza għal Investiment Dirett Barrani (BD4) tlestiet f'April 2008, u l-verżjoni aġġornata tal-Manwal dwar l-Istatistiki fuq il-Kummerċ Internazzjonali fis-Servizzi (MSITS 2010) ġiet approvata mill-Kummissjoni tal-Istatistika tan-Nazzjonijiet Uniti fi Frar 2010.

L-implimentazzjoni koordinata tal-istandards il-ġodda, diġà maqbula mal-Istati Membri fil-Kumitat tal-BoP, għandha żżid il-livell tal-konformità u, għalhekk, il-komparabilità tal-istatistiki sottostanti.

4.4. Stabbilità

Il-kriterju tal-istabbilità jirreferi għall-grad ta' kemm il-valuri estimi inizjali jqarrbu lejn il-valuri finali.

L-istabbilità tista' titkejjel permezz tal-iżball f'perċentwali assolut medju[11], indikatur miftiehem mill-Kumitat tal-BoP. It-Tabella 3 turi l-aħħar ċifri disponibbli għal dan l-indikatur

---

[11] *L-iżball f'perċentwali assolut medju* (MAPE) huwa definit kif ġej:

$$MAPE = \frac{1}{N}\sum_{t=1}^{N}\left|\frac{X_f(t) - X_i(t)}{X_i(t)}\right|$$

fejn $X_f(t)$ huwa l-estimu inizjali għall-partita X tal-BoP fit-tliet xhur tar-referenza t; $X_i(t)$ huwa l-aħħar estimu disponibbli għall-istess partita tal-BoP fit-tliet xhur tar-referenza t; N huwa l-għadd ta' osservazzjonijiet fiż-żmien ikkunsidrat (jiġifieri, sena); billi l-MAPE jinħadem b'ċifri ta' kull tliet xhur, N għandu valur ta' 4).

fir-rigward tal-partiti ewlenin tal-bilanċ ta' pagamenti tal-Unjoni Ewropea. L-indikatur b'valur baxx ifisser livell għoli ta' stabbilità. Dan huwa l-każ fil-biċċa l-kbira tal-partiti, għalkemm reviżjonijiet kbar mhux ħażin jiġu intraċċati fid-dħul u fis-sottokomponenti tiegħu, b'mod partikolari fir-rigward tal-kumpens tal-impjegati u d-dħul mill-investiment dirett. Dawn huma fost il-partiti l-iktar diffiċli biex jitkejlu u fejn huma mistennija l-ikbar reviżjonijiet, minħabba s-sors tad-dejta normalment użat. Fil-fatt, il-valuri finali għal dawn il-partiti huma ġeneralment ibbażati fuq ir-riżultati tal-istħarriġ annwali, filwaqt li dawk inizjali jibbażaw fuq l-estimi, li ma joffrux grad għoli ta' eżattezza.

Tabella 3: L-iżball f'perċentwali assolut medju għall-aggregati tal-UE

	Krediti		**Debiti**	
	2006	***2007***	***2006***	***2007***
Kont kurrenti	*2.3%*	*2.9%*	*1.3%*	*1.5%*
-Merkanzija	0.1%	0.9%	0.4%	0.5%
-Servizzi	0.7%	1.9%	1.4%	1.8%
Trasport	1.4%	2.3%	1.6%	4.5%
Vjaġġi	4.8%	3.2%	3.2%	2.8%
Servizzi oħra	1.9%	1.5%	1.6%	0.9%
-Dħul	9.3%	8.2%	6.9%	6.0%
Kumpens lill-impjegati	11.4%	9.4%	6.7%	1.7%
Dħul mill-investiment dirett	22.3%	19.8%	20.4%	20.9%
Dħul minn investiment tal-	3.8%	2.4%	4.1%	4.7%
Dħul ieħor minn investiment	1.1%	2.8%	2.0%	1.7%
-Trasferimenti kurrenti	10.5%	0.8%	5.8%	2.0%

4.5. Konsistenza interna

Il-konsistenza interna tkejjel il-koerenza fis-sett tad-dejta ppreżentat fuq il-bażi tal-iżbalji netti u l-ommissjonijiet, għalkemm, fil-prinċipju, il-kontijiet tal-bilanċ ta' pagamenti huma bbilanċjati. Għalhekk it-total tal-partiti kollha għandu jkun żero. Madankollu, fil-prattika, jinħolqu żbilanċi b'riżultat tal-imperfezzjonijiet fid-dejta tas-sors u l-kumpilazzjoni. L-iżbalji netti u l-ommissjonijiet jirriżultaw residwalment bħala l-partita li tibbilanċja l-kontijiet. Xi kultant l-iżbalji fil-kumpilazzjoni jpattu għal xulxin, sabiex id-daqs ta' din il-partita residwali mhux neċessarjament jipprovdi indikazzjoni tal-eżattezza ġenerali tad-dikjarazzjoni. Madankollu, l-iżbalji netti u l-ommissjonijiet huma ġeneralment ikkunsidrati bħala indikatur tajjeb għall-kejl tal-konsistenza interna tal-bilanċ ta' pagamenti.

Tabella 4: Żball Relattiv Medju 2005-2007

Awstrija	3%	**Ġermanja**	6%	**Olanda**	5%
Belġju	2%	**Greċja**	2%	**Polonja**	4%
Bulgarija	9%	**Ungerija**	2%	**Portugall**	7%
Ċipru	3%	**Irlanda**	5%	**Rumanija**	3%
Repubblika Ċeka	2%	**Italja**	2%	**Slovakkja**	2%
Danimarka	5%	**Latvja**	1%	**Slovenja**	3%
Estonja	2%	**Litwanja**	3%	**Spanja**	2%
Finlandja	6%	**Lussemburgu**	1%	**Svezja**	7%
Franza	13%	**Malta**	4%	**Renju Unit**	4%

It-Tabella 4 turi l-Iżball Relattiv Medju rreġistrat mill-Istati Membri għall-perjodu 2005-2007. Dan l-indikatur huwa bbażat fuq l-iżbalji netti u l-ommissjonijiet, u huwa analizzat ukoll fir-Rapporti tal-Kwalità. Huwa daqs il-medja tal-valur assolut tal-iżbalji netti u l-ommissjonijiet matul il-perjodu in kwistjoni (imkejjel bħala sehem tal-medja tal-krediti u d-debiti tal-kont kurrenti), kif irreġistrat fil-bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur tal-Istati Membri. Fil-prinċipju, billi l-iżbalji u l-ommissjonijiet għandhom jammontaw għal żero, dan l-indikatur għandu jkun insinifikanti. Dan huwa fil-fatt il-każ għall-maġġoranza tal-Istati Membri. Huwa Stat Membru wieħed (Franza) li jirreġistra valur għall-indikatur ta' iktar minn 10%, u għal sitt Stati Membri dan il-valur huwa ogħla minn 5%.

5. IL-BENEFIĊĊJI GĦALL-UTENTI U R-RILEVANZA TAL-ISTATISTIKA TAL-BILANĊ TA' PAGAMENTI

Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 huwa tweġiba għall-bżonnijiet tal-utenti tad-dejta. Din it-Taqsima tanalizza kif din id-dejta tintuża u l-benefiċċji tal-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti.

L-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti tintuża b'mod intensiv għall-finijiet tat-tfassil tal-politika mill-istituzzjonijiet rilevanti nazzjonali u internazzjonali. Il-Kummissjoni Ewropea u l-Kunsill, il-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE) u l-Eurosistema, l-IMF, il-Bank għall-Pagamenti Internazzjonali, l-OECD, il-G3 u l-G7, ilkoll jagħmlu użu minn dawn l-istatistika.

L-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti, flimkien mal-pożizzjoni tal-investiment internazzjonali, hija għodda għall-monitoraġġ tal-politika monetarja. Flimkien ma' indikaturi oħra, l-istatistika dwar l-iskambju tal-merkanzija u s-servizzi tintuża biex tiġi evalwata l-pressjoni inflazzjonarja kif ukoll kull impatt tad-domanda internazzjonali fuq l-esportazzjoni u, għalhekk, fuq il-prodott gross domestiku. Il-kont kurrenti u l-pożizzjonijiet tal-investiment internazzjonali flimkien jintużaw biex tiġi evalwata s-sostenibbiltà tar-rata tal-kambju.

L-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti hija inkluża wkoll fir-rapporti ta' Konverġenza ppubblikati mill-Kummissjoni Ewropea u mill-BĊE dwar Stati Membri individwali li għadhom mhumiex parti mill-Unjoni Ekonomika u Monetarja (UEM).

It-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem it-TFUE) jirreferi espressament għall-bilanċ ta' pagamenti (fl-Artikoli 143 u 144, pereżempju), u jitlob lill-Kummissjoni biex iżżomm lill-Kunsill infurmat regolarment dwar l-iżvilupp tas-sitwazzjoni tal-bilanċ ta' pagamenti fl-Istati Membri li mhumiex parti mill-UEM.

L-iżviluppi fil-kont kurrenti ta' pajjiżi individwali jiġu analizzati fir-rigward tal-kompetittività tagħhom, filwaqt li l-istatistika dwar l-investiment dirett tintuża biex jiġi analizzat kull pajjiż kemm hu attraenti.

L-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti hija sors importanti għal statistika ewlenija oħra miġbura f'dominji tal-istatistika relatati b'rilevanza għall-UE, bħal:

- Prodott Gross Domestiku (li jinkludi t-tranżazzjonijiet transkonfinali ta' merkanzija u servizzi) inklużi estimi pronti, li għalihom huma meħtieġa indikaturi tal-bilanċ ta' pagamenti ta' kull xahar;

- Dħul Gross Nazzjonali (li jinkludi t-tranżazzjonijiet transkonfinali ta' merkanzija u servizzi kif ukoll id-dħul);

- il-kont tal-bqija tad-dinja fil-kontijiet settorjali ta' kull tliet xhur tal-UE u taż-Żona Ewro, inklużi l-kontijiet finanzjarji.

Minbarra l-aggregati ewlenin, partiti speċifiċi tal-bilanċ ta' pagamenti għandhom rilevanza partikolari għal xi utenti:

- l-informazzjoni dettaljata fuq il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi ppubblikata fuq bażi annwali mill-Eurostat hija importanti għan-negozjati tal-kummerċ u d-definizzjoni tal-politiki doganali;

- il-Kummissjoni Ewropea u l-G8 nedew miżuri biex irawmu r-rimessi u jtejbu l-informazzjoni dwarhom;

- l-analiżi ġeografika tal-istatistiki tal-bilanċ ta' pagamenti tista' tikkontribwixxi għall-monitoraġġ tal-interazzjonijiet bejn l-UE u l-pajjiżi terzi;

- il-kompożizzjoni tal-flussi finanzjarji (f'termini ta' investiment dirett, portafoll u investiment ieħor) hija ta' valur għall-evalwazzjoni tal-istabbilità finanzjarja.

Il-membri tal-Kumitat tal-BoP jirrikonoxxu li l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 ġabet magħha għadd ta' tibdiliet li tejbu l-kwalità tal-istatistiki tal-bilanċ ta' pagamenti minn diversi aspetti:

- tejbet l-armonizzazzjoni tad-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti miġbura minn Stati Membri differenti;

- l-utenti tad-dejta issa għandhom statistiki iktar dettaljati fuq il-bilanċ ta' pagamenti;

- provdiet bażi legali soda għat-tħejjija tal-Programmi tal-Istatistika Nazzjonali tal-Istati Membri;

- id-dejta hija iktar fil-ħin u iktar eżatta.

6. L-ISPEJJEŻ U L-PIŻ TAL-ISTATISTIKI TAL-BILANĊ TA' PAGAMENTI

L-istima tal-ispejjeż involuti fil-ġbir u t-tixrid tal-istatistiki tal-bilanċ ta' pagamenti hija kumplessa mhux ħażin. Hemm firxa wiesgħa ta' sorsi tad-dejta li jintużaw ukoll fil-produzzjoni ta' statistika oħra jew marbuta mar-rappurtaġġ tal-istituzzjonijiet finanzjarji u l-

intrapriżi lill-awtoritajiet regolatorji. Għalhekk, huwa diffiċli li taqla' l-ispejjeż speċifiċi tal-ġbir u l-produzzjoni tad-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti mill-ispejjeż totali li ntefqu fil-ġbir tad-dejta li spiss tintuża għal finijiet oħra. Barra dan, f'ċerti Stati Membri, id-dejta tista' tinġabar minn żewġ istituzzjonijiet differenti, il-bank ċentrali nazzjonali u l-uffiċċju tal-istatistika nazzjonali, biex b'hekk l-estimi affidabbli jsiru iktar ikkumplikati.

Wara l-konsultazzjoni mal-Membri tal-Kumitat tal-BoP, huwa possibbli li tistma l-input tax-xogħol meħtieġ għall-produzzjoni u t-tixrid tal-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti fl-UE. Dan ilaħħaq għal madwar l-ekwivalenti ta' 900 impjegat full-time. Dawn ir-riżorsi jistgħu jkunu mifruxa bejn wieħed u ieħor fuq id-diversi dominji tal-bilanċ ta' pagamenti. Is-sett tad-dejta li jassorbi l-iktar input huwa l-bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur, li jeħtieġ 57 % tar-riżorsi, segwit mill-kummerċ internazzjonali fis-servizzi (23 %) u l-investiment dirett barrani (20 %). L-input tax-xogħol sinifikanti meħtieġ għall-produzzjoni tal-bilanċ ta' pagamenti ta' kull tliet xhur jista' jiġi attribwit l-iktar għar-riżorsi meħtieġa għall-produzzjoni ta' ġabra kbira ta' statistika relatata mal-kont finanzjarju.

Kien stmat li l-attivitajiet żejda relatati mal-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 iġġeneraw biss sehem żgħir minn dan l-input (madwar 13 %).

Id-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti hija meħtieġa għall-finijiet nazzjonali wkoll u diġà kienet tinġabar mill-Istati Membri qabel l-adozzjoni tar-Regolament (KE) Nru 184/2005. Għalhekk, huma meħtieġa biss riżorsi addizzjonali limitati biex l-Istati Membri jikkonformaw mar-rekwiżiti tiegħu.

Wieħed irid iżomm f'moħħu wkoll li hemm overlapping sinifikanti bejn ir-rekwiżiti tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 u t-talbiet għad-dejta minn organizzazzjonijiet nazzjonali u internazzjonali oħra, partikolarment dawk tal-BĊE u l-FMI. Id-dejta prodotta mill-Istati Membri speċifikament għar-Regolament (KE) Nru 184/2005 hija indistingwibbli minn dejta oħra prodotta għall-konformità ma' rekwiżiti għal dejta oħra.

Fir-rigward tal-piż fuq il-konvenuti maħluq bil-ġbir tad-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti, l-Istati Membri għandhom biss informazzjoni limitata ferm, u mhux biżżejjed biex ikunu jistgħu jagħmlu xi tip ta' stima. Barra dan, wieħed irid iżomm f'moħħu li l-introduzzjoni tal-limitu tar-rappurtaġġ tat-tranżazzjonijiet transkonfinali fil-livell tal-UE, stabbilit inizjalment fil-livell ta' EUR 12 500 imbagħad miżjud għal EUR 50 000, ġab miegħu bidla fis-sistemi tal-ġbir tal-bilanċ ta' pagamenti tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri. Qabel l-introduzzjoni tal-limitu, il-biċċa l-kbira tas-sistemi tal-ġbir kienu joqogħdu fuq id-dejta tal-pagamenti miġbura mill-banek u l-forniturі tas-servizzi tal-ħlas. Issa kważi s-sistemi kollha tal-ġbir huma bbażati fuq ir-rappurtaġġ dirett u/jew stħarriġ. Din il-bidla fissret taqsim mod ieħor tal-piż mill-banek u l-intermedjarji finanzjarji, il-forniturі ewlenin tad-dejta skont is-sistema tal-pagamenti u li issa l-obbligi tagħhom għall-istatistika huma mnaqqsa b'mod sinifikanti, għall-intrapriżi u l-familji. Jekk dan it-taqsim mod ieħor wassalx ukoll għal tnaqqis fil-piż fuq is-sistema b'mod ġenerali, u sa liema punt, hija kwistjoni li teħtieġ iktar investigazzjoni. M'hemmx biżżejjed informazzjoni disponibbli bħalissa biex isiru konklużjonijiet.

7. OQSMA GĦAL TITJIB POTENZJALI U EMENDI

Wara diversi żviluppi regolatorji, b'sommarju qasir tagħhom fl-Artikolu 2, b'mod ġenerali r-Regolament (KE) Nru 184/2005 jista' jiġi kkunsidrat bħala aġġornat. Ir-rekwiżiti tad-dejta ġew modifikati bil-ħsieb li titjieb il-metodoloġija użata fil-komputazzjoni tal-aggregati tal-

UE. L-għan kien ukoll li tiġi adattata l-analiżi ġeografika għas-sitwazzjoni ġeopolitika ġdida u l-analiżi tal-attività għall-klassifikazzjoni l-ġdida tal-attivitajiet ekonomiċi, NACE rev. 2.

Titjib fil-ġejjieni li jimplika emendi fir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jista' jinkludi:

– iktar aġġornar tar-rekwiżiti tad-dejta relatati mal-adozzjoni tal-istandards internazzjonali l-ġodda, il-BPM6, il-BD4 u l-MSITS 2010. Il-kompilaturi tal-Bilanċ ta' Pagamenti ftiehmu li jimplimentaw l-istandards il-ġodda fl-2014, flimkien mal-adozzjoni tal-istandards il-ġodda fil-Kontijiet Nazzjonali. Ir-rekwiżiti tad-dejta għandhom jiġu modifikati qabel l-2014 sabiex jippermettu li l-istandards il-ġodda jiġu implimentati b'mod armonizzat mill-Istati Membri kollha;

– il-kriterji tal-kwalità għar-rapporti tal-kwalità meħtieġa mir-Regolament (KE) Nru 184/2005 huma definiti fir-Regolament (KE) Nru 1055/2008. Billi dawn ivarjaw sa ċertu punt mill-kriterji tal-kwalità definiti fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 dwar l-istatistika Ewropea[12], dawn jistgħu jiġu aġġornati skont dan. L-iskeda jaf ikollha bżonn tiġi modifikata wkoll sabiex iċ-ċiklu tal-produzzjoni tad-dejta jkun jista' jiġi sinkronizzat aħjar mal-eżerċizzju tar-rappurtaġġ tal-kwalità;

– l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-miżuri implimentattivi tar-Regolament (KE) Nru 184/2005, inklużi l-Annessi tiegħu, skont il-possibbiltajiet legali ġodda introdotti bit-TFUE.

– l-aġġornar tar-rekwiżiti tad-dejta bl-introduzzjoni tal-ġbir tal-istatistika fuq il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi skont il-modalità tal-forniment, kif definit fl-MSITS 2010, b'attenzjoni partikolari għall-modalità 4 (il-preżenza ta' persuni fiżiċi).

Titjib possibbli ieħor, li ma jeħtieġx emendi fir-Regolament (KE) Nru 184/2005, kien suġġerit mill-Membri tal-Kumitat tal-BoP:

– fil-preżent, is-settijiet tad-dejta ppreżentati lill-Eurostat huma pprovduti wkoll lill-istituzzjonijiet Ewropej oħra u organizzazzjonijiet internazzjonali, bħall-BĊE, l-FMI u l-OECD. Hemm differenzi żgħar f'dawn is-settijiet tad-dejta, peress li l-livell tad-dettall mitlub minn kull organizzazzjoni mhux bilfors ikun eżatt l-istess. Il-piż fuq l-Istati Membri jista' jitnaqqas b'mod sinifikanti jekk jiġu armonizzati r-rekwiżiti tad-dejta tal-organizzazzjonijiet internazzjonali kollha. Jekk dan l-għan jista' jintlaħaq, it-trażmissjoni tad-dejta tista' tiġi simplifikata iktar bl-użu tal-Eurostat bħala ċ-ċentru li jgħaddi d-dejta li jirċievi mill-Istati Membri lill-organizzazzjonijiet oħra li jagħmlu talba għal din id-dejta. Din il-proċedura diġà tintuża għall-provvista tad-dejta ta' kull tliet xhur fuq il-kummerċ internazzjonali fis-servizzi lill-BĊE, u faċilment tista' tiġi estiża għal settijiet tad-dejta u organizzazzjonijiet oħra;

---

[12] Regolament (KE) Nru 223/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-istatistiki Ewropej u li jħassar ir-Regolament (Euratom, KE) Nru 1101/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-trażmissjoni ta' data suġġetta għall-kunfidenzjalità statistika lill-Uffiċċju tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej, ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 322/97 dwar l-Istatistiki tal-Komunità, u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 89/382/KEE, Euratom li tistabbilixxi Kumitat dwar il-Programmi tal-Istatistika tal-Komunitajiet Ewropej. ĠU L87, 31.3.2009, pġ. 164.

– il-promozzjoni tal-iskambju tal-aħjar prassi għall-metodoloġija kif ukoll l-iskambju tal-mikro- u makrodejta fost l-istituzzjonijiet tal-istatistika fil-livell nazzjonali u internazzjonali;

– l-isfruttar għall-finijiet tal-istatistika tad-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2008/8/KE tat-12 ta' Frar 2008 li temenda d-Direttiva 2006/112/KE fir-rigward tal-post tal-forniment ta' servizzi[13]. B'hekk, ikun possibbli li tiġi stabbilita sistema li tirreġistra l-kummerċ internazzjonali fis-servizzi fl-UE, b'mod simili għas-sistema diġà fis-seħħ għall-kejl tal-kummerċ fil-merkanzija.

8. IL-FUNZJONAMENT TAL-KUMITAT TAL-BILANĊ TA' PAGAMENTI

Il-Kumitat tal-BoP ġie stabbilit wara d-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 u tlaqqa' għall-ewwel darba fit-8 ta' Lulju 2005, meta ġew adottati r-Regoli tal-Proċedura u l-kompiti tal-Kumitat.

Il-kompiti tal-Kumitat tal-BoP huma kif ġej:

– li jiddefinixxi l-istandards tal-kwalità u jispeċifika l-kontenut u l-iskeda tar-rapporti ta' kwalità;

– li jassisti lill-Kummissjoni Ewropea fl-evalwar tal-kwalità tad-dejta trażmessa;

– li jiddefinixxi l-format u l-proċedura li skonthom l-Istati Membri għandhom jittrażmettu d-dejta meħtieġa lill-Kummissjoni Ewropea;

– li jieħu l-miżuri neċessarji għall-adattament tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 għat-tibdil ekonomiku u tekniku;

– jekk meħtieġ, li jaġġorna d-definizzjonijiet u r-rekwiżiti tad-dejta (l-iskadenzi tas-sottomissjoni, ir-reviżjoni, l-estensjoni u l-eliminazzjoni tal-flussi tad-dejta, eċċ.).

Il-Membri tal-Kumitat tal-BoP ġew ikkonsultati dwar il-funzjonament tal-Kumitat tagħhom u r-riżultati huma pożittivi ħafna. Kif muri fiċ-Ċart Nru. 1, il-kompiti tal-Kumitat tal-BoP huma evalwati bħala 'iktar milli sodisfaċenti' minn madwar tliet kwarti tal-Membri. Skont ir-riżultati tal-konsultazzjoni, ċertu Membri tal-Kumitat tal-BoP huma tal-opinjoni li l-Kumitat tal-BoP għandu jkun involut iktar fid-diskussjoni ta' kwistjonijiet strateġiċi, konċettwali u metodoloġiċi. Membri oħra tal-Kumitat tal-BoP esprimew l-opinjoni li l-kompiti speċifiċi tal-Kumitat tal-BoP huma l-iktar regolatorji u għandhom jibqgħu hekk.

Il-Kumitat tal-BoP iltaqa' sitt darbiet sa mill-2005. Il-kisbiet ewlenin tal-Kumitat tal-BoP jinkludu:

– l-espressjoni ta' opinjoni fuq il-miżuri implimentattivi kollha stipulati f'Taqsima 2 ta' dan ir-rapport;

– il-ftehim fuq l-istandards u l-kontenut tar-Rapporti ta' Kwalità;

[13] ĠU L 44, 20.2.2008, pġ. 11.

– id-diskussjoni, fuq bażi annwali, tal-istat tal-konformità mar-Regolament (KE) Nru 184/2005 u l-eżerċizzju tar-rappurtaġġ tal-kwalità;

– id-diskussjoni u l-approvazzjoni ta' approċċ koordinat għat-tibdil metodoloġiku ewlieni kollu li jkun għaddej, inkluża l-implimentazzjoni tal-manwali l-ġodda (BPM6 u BD4) u l-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ekonomiċi NACE rev. 2;

– id-diskussjoni dwar l-iżviluppi relatati mar-Regolament (KE) Nru 2560/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2001 dwar pagamenti transkonfinali f'ewro[14], li introduċa tibdil fil-limitu tar-rappurtaġġ tal-istatistika tal-banek, u b'hekk wassal għal trasformazzjoni profonda fis-sistemi tal-ġbir tad-dejta tal-bilanċ ta' pagamenti ta' ħafna mill-Istati Membri.

Ċart Nru. 1: Is-sodisfazzjon tal-Membri tal-Kumitat tal-BoP dwar id-definizzjoni tal-kompiti tal-Kumitat (1-5, 1 mhu sodisfatt xejn, 5 sodisfatt ħafna)



9. KONKLUŻJONIJIET

Id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 għen biex tiġi armonizzata l-istatistika tal-bilanċ ta' pagamenti fl-UE u żied id-disponibilità tad-dejta għall-utenti. Ir-Regolament (KE) Nru 184/2005 jipprovdi wkoll il-bażi legali għat-tħejjija tal-programmi tal-istatistika nazzjonali. Il-kwalità tad-dejta prodotta, fit-tipi diversi tagħha, hija mmonitorjata mill-qrib mill-Kumitat tal-BoP.

[14] ĠU L 344, 28.12.2001, pġ. 13.

Fid-dawl tar-riżultati ta' dan ir-rapport, fis-snin li ġejjin jista' jkun possibbli li jiġi kkunsidrat l-emendar tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 fir-rigward ta' dawk il-kwistjonijiet identifikati fil-proċess tar-reviżjoni:

– l-aġġornar tar-rekwiżiti tad-dejta f'konformità mal-istandards internazzjonali l-ġodda;

– it-tibdil meħtieġ fl-eżerċizzju tar-rapport ta' kwalità f'konformità mal-approċċ tal-Eurostat lejn il-kwalità u mar-Regolament (KE) Nru 223/2009, bil-modifika tal-kriterji tal-kwalità;

– l-adozzjoni mill-Kummissjoni tal-miżuri implimentattivi tar-Regolament (KE) Nru 184/2005 skont il-possibiltajiet legali l-ġodda introdotti bit-TFUE.

Barra dan, il-kooperazzjoni mal-BĊE (DĠ tal-Istatistika) u mal-organizzazzjonijiet internazzjonali l-oħra, bħall-FMI u l-OECD, tista' tiġi msaħħa iktar sabiex jiġu razzjonalizzati u armonizzati r-rekwiżiti tad-dejta, bl-użu tal-Eurostat bħala ċ-ċentru.

Qabel ma jitressqu 'l quddiem il-proposti rilevanti, għandhom jitqiesu sew id-diskussjonijiet fi ħdan il-Kumitat tal-BoP u l-opinjoni tiegħu.